Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
The Chair

3.10.2024

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELS

Suġġett: Opinjoni dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2024/001 BE/Match-Smatch (2024/0226(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2024 u ddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. billi, fit-3 ta' Ġunju 2024, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni EGF/2024/001 BE/Match-Smatch għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), wara s-sensji f'supermarkets ta' Match-Smatch (Match SA. u Profi SA.) fil-Belġju; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament (UE) 2021/691 (ir-Regolament dwar il-FEG), li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati; billi l-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (f'dan il-każ mill-11 ta' Diċembru sal-11 ta' April 2024) f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati ta' forniturі u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet;

B. billi l-applikazzjoni hija relatata ma' 513-il ħaddiem issensjat (benefiċjarji eliġibbli) li l-attività tagħhom waqfet f'Match-Smatch (444 ħaddiem issensjat f'Match-Smatch matul il-perjodu ta' referenza u 69 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza); billi din l-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 47 ta' NACE Reviżjoni 2 (Kummerċ bl-imnut, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi); billi s-sensji jinsabu prinċipalment fir-reġjuni NUTS 2 tal-Provinċja ta' Hainaut (BE32), il-Provinċja ta' Liège (BE33), u l-Provinċja ta' Namur (BE35);

C. billi, fis-16 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Belġju biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 365 benefiċjarju fil-mira, jiġifieri ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-għeluq tas-supermarkets ta' Match-Smatch fil-Belġju;

D. billi Match-Smatch iffaċċja sitwazzjoni ekonomika diffiċili għal diversi snin; billi fl-2019, l-ewwel ristrutturar wassal għall-għeluq ta' 15-il ħanut u 140 sensja; billi fl-2021 Match-Smatch għal darb'oħra rrapporta telf ta' EUR 11,9 miljun; billi sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ulterjuri ta' telf, Match-Smatch aċċetta l-offerta tal-Grupp Colruyt li jakkwista 57 mill-84 ħanut, u li jimpjega wkoll lill-persunal tal-ħwienet (1 069 persuna); billi tmien ħwienet oħra ħaduhom Carrefour, Delhaize, Intermarché u Delfood; billi t-339 impjegat tad-19-il ħanut li għalihom ma seta' jinstab l-ebda xerrej, kif ukoll il-174 impjegat tal-kwartieri ġenerali ta' Match-Smatch, kienu soġġetti għal proċedura ta' sensji kollettivi;

E. billi s-sensji ta' Match-Smatch jikkonċernaw il-Belġju kollu; billi, madankollu, l-impatt territorjali ta' sensji jvarja minħabba d-differenzi bejn is-suq tax-xogħol Fjamming u dak ta' Wallonia u minħabba li aktar minn 70 % tas-sensji huma kkonċentrati f'Wallonia; billi fl-2023, ir-rata tal-qgħad għall-Belġju b'mod ġenerali baqgħet ta' 5,5 %, l-istess livell bħal fl-2022; billi fil-livell reġjonali, il-qgħad żdied minn 3,2 % għal 3,4 % fi Flanders u naqas minn 8,4 % għal 8,2 % f'Wallonia, filwaqt li tippersisti d-differenza ta' madwar 5 punti perċentwali (pp) fir-rati tal-qgħad; billi fi tmiem l-2023, ir-rata tal-qgħad f'Wallonia (66,7 %) kienet 10,3 % inqas milli fi Flanders u madwar

9 % inqas mill-medja tal-UE;

F. billi l-Belġju applika għal kofinanzjament mill-FEG biss biex jappoġġja lil dawk li qabel kienu ħaddiema ta’ Match-Smatch li jgħixu f’Wallonia; billi l-awtoritajiet reġjonali Fjammingi jqisu li ma hemmx bżonn li jiżdied l-appoġġ disponibbli għal dawk li qabel kienu ħaddiema ta’ Match-Smatch li jgħixu fi Flanders b’kofinanzjament tal-UE mill-FEG, minħabba s-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol reġjonali;

G. billi l-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta’ servizzi personalizzati tfassal f’konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom u mas-sħab soċjali, f’konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG;

H. billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta’ EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri ta’ politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid u malajr lill-benefiċjarji f’impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur ta’ attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew għat-tranżizzjoni ekoloġika u għal dik diġitali meħtieġa b’mod urġenti tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej; itenni, f’dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, fil-kontribut għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f’konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għal kontribuzzjoni finanzjarja ta’ EUR 2 661 564 skont dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 85 % tal-ispiża totali ta’ EUR 3 131 252, (liema spiża tinkludi n-nefqa ta’ EUR 2 239 734 għal servizzi personalizzati u n-nefqa ta’ EUR 770 018 għall-attivitajiet ta’ tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar);

3. Jilqa’ l-fatt li sabiex jitħejja pakkett sod ta’ miżuri mfassla apposta biex jappoġġja l-isforzi tal-ħaddiema ta’ Match-Smatch biex jirritornaw għax-xogħol, is-Servizz Pubbliku Reġjonali għall-Impjiegi u t-Taħriġ Vokazzjonali ta’ Wallonia (Le Forem), it-trade unions (FGTB u CSC) u sħab oħra ltaqgħu f’diversi okkażjonijiet fl-2024 biex jifhmu aħjar il-ħtiġijiet ta’ taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, li l-konsulenti soċjali li akkumpanjaw lill-ħaddiema wara s-sensja tagħhom ġew ikkonsultati wkoll, u li dawn il-laqgħat irriżultaw f’pakkett ikkoordinat ta’ miżuri tal-FEG li jikkonforma mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG;

4. Jinnota li l-forza tax-xogħol ta’ Match-Smatch hija essenzjalment magħmula minn kaxxiera u ħaddiema fl-imħażen, b’edukazzjoni sekondarja jew inqas, filwaqt li l-kriżi

ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat id-domanda għal ħaddiema aktar kwalifikati fis-suq tax-xogħol Belġjan. Għaldaqstant, dan għamilha aktar diffiċli għall-eks ħaddiema ta' Match-Smatch biex jintegraw mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol; jinnota wkoll li madwar nofs il-ħaddiema ta' Match-Smatch li ngħataw is-sensja (46 %) għandhom 50 sena jew aktar u li s-sitwazzjoni għal persuni akbar fl-età li qed ifittxu impjieg hija aktar diffiċli fil-Belġju b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol ta' Wallonia, fejn, minn Marzu 2024, jirrappreżentaw 25 % tat-total ta' persuni li qed ifittxu impjieg;

5. Jisħaq li l-Belġju kkonferma li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhu se jirċievu ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni;

6. Jinnota li s-servizzi personalizzati li għandhom jingħataw lill-ħaddiema jikkonsistu fil-miżuri li ġejjin: (a) servizzi ta' informazzjoni, gwida okkupazzjonali u assistenza għar-rikollokament, (b) taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali, (ċ) appoġġ lejn il-ħolqien ta' negozju, (d) kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju, u (e) inċentivi u benefiċċji (benefiċċji għat-tiftix ta' impjieg u għat-taħriġ, bonus għat-titjib tal-ħiliet tal-IT, bonus għat-titjib tal-ħiliet lingwistiċi, benefiċċju għar-ritorn lejn l-iskola, benefiċċju għall-ħolqien ta' negozju, inċentivi għar-reklutaġġ ta' intrapriżi li jirreklutaw eks ħaddiema ta' Match-Smatch li għandhom 50 sena jew aktar); jilqa' b'mod partikolari l-inklużjoni ta' miżuri li jappoġġjaw it-titjib tal-ħiliet tal-IT u r-ritorn għall-edukazzjoni minħabba l-età u l-profil edukattiv tal-benefiċjarji fil-mira u jisħaq li l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti servizzi personalizzati;

7. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-prospettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, u dawn huma kompatibbli mal-bidla f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffokaw partikolarment fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; jenfasizza, li t-taħriġ previst jinkludi wkoll modulu dwar l-ekonomija ċirkolari u l-użu effiċjenti tar-riżorsi li mhuwiex imniżżel fil-baġit f'din il-proposta minħabba li ġie żviluppat qabel għal dawk li kienu ħaddiema ta' Swissport (EFG/2020/005 BE/Swissport), u issa huwa parti mill-offerta ta' taħriġ standard ta' Le Forem kofinanzjata mill-FSE+; jilqa' l-użu ta' effetti ta' sinerġija u l-użu responsabbli tar-riżorsi tal-FEG f'dan il-kuntest;

8. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-benefiċċji għall-kura tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2), il-punt (b), tar-Regolament dwar il-FEG sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' dawk li qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.